MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
GABRIELLA VELLA**

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2012

Avviz Numru. 387/2011

**Fl-Atti tal-Mandat ta' Sekwestru Nru. 3134/11 fl-ismijiet:**

**Roderick Debono (I.D. Card Nru. 7381M)**

**Vs**

**Maria Dolores sive Doris Ghio (I.D. Card Nru. 81141M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikorsipprezentat minn Maria Dolores sive Doris Ghio fit-18 ta' Novembru 2011, permezz ta' liema titlob li l-Qorti: (i) tirrevoka l-Mandat Kawtelatorju bin-Numru 3134/11 fl-ismijiet "Roderick Debono v. Maria Dolores sive Doris Ghio" u dan ai termini ta' l-Artikoli 836(1)(d) u 836(1)(f) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, stante li *prima facie* it-talbiet tas-sekwestrant mhux gustifikati, huma eccessivi u/jew sahansitra abuzivi u/jew li fic-cirkustanzi ma jkunx ragonevoli li ma jigix revokat il-Mandat; (ii) f'kaz li l-Mandat ma ghandux jigi revokat, is-sekwestrant jigi

ordnat ihallas garanzija ai termini ta’ l-Artikolu 838A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta; u (iii) tordna lis-sekwestrant ihallas l-penali kontemplata fl-Artikolu 836(8) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta, u dana taht kull provvediment li jidhrilha xieraq u opportun;

Rat id-dokumenti annessi mar-Rikors u markati minn Dok. “DG1” sa’ Dok. “DG27” u Dok. “RDG1” u Dok. “RDG2”;

Rat ir-Risposta ta’ Roderick Debonoipprezentata fit-30 ta’ Dicembru 2011, permezz ta’ liema jopponi ghat-talbiet tar-Rikorrenti u jitlob li l-istess jigu michuda ghaliex: (i) ir-Rikors promotur kif imressaq huwa irritu u null proceduralment stante li ai termini ta’ l-Artikolu 836(1) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta, dan kellu jigi pprezentat quddiem il-Qorti li qed tisma’ l-kawza pendenti bejn il-partijiet kontendenti u mhux fl-atti tal-Mandat ta’ Sekwestru; (ii) il-fatt li l-Mandat ta’ Sekwestru Kawtelatorju in kwistjoni jista’ qed johloq pregudizzju lir-Rikorrenti ma huwiex raguni valida ghar-revoka ta’ l-istess Mandat; (iii) kuntrarjament ghal dak pretiz mir-Rikorrenti, il-Mandat ta’ Sekwestru Kawtelatorju in kwistjoni ma huwiex eccessiv u lanqas jissussistu xi cirkostanzi li minhabba fihom ma ghadux ragonevoli li l-Mandat jibqa’ fis-sehh; (iv) l-ezercizzju li l-Qorti ghandha taghmel fi proceduri ghar-revoka ta’ mandat kawtelatorju huwa biss wiehed *prima facie*. Fil-kaz in ezami l-pretensjonijiet tar-Rikorrenti ghar-revoka tal-Mandat ta’ Sekwestru Kawtelatorju in kwistjoni jirrikjedu ezami approfondit li huwa riservat ghall-azzjoni fil-meritu u ghaldaqstant ma jistghux jigu kkunsidrati u wisq inqas milqugha fil-kuntest ta’ dawn il-proceduri; (v) ghalkemm ir-Rikorrenti tikkondenti li l-Mandat ta’ Sekwestru Kawtelatorju in kwistjoni ghandu jigi revokat a bazi ta’ l-Artikolu 836(1)(f) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta, ma ressqet ebda prova li sodisfacentement turi li ma huwiex ragonevoli li dan il-Mandat jibqa’ fis-sehh; (vi) it-talba ghall-kundanna fil-konfront tieghu ghall-hlas ta’ penali ai termini ta’ l-Artikolu 836(8) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta, ma ghandhiex tigi milqugha ghalhiex fir-Rikors promotur ma nghatat ebda raguni li tiggustifika tali kundanna, u kuntrarjament ghal dak allegat mir-Rikorrenti l-Mandat ta’ Sekwestru Kawtelatorju in kwistjoni ma

nharigx b'mod vessatorju; (vii) it-talba ghall-imposizzjoni ta' garanzija ai termini ta' l-Artikolu 838A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta ma tistax tigi milqugha in kwantu mhux debitament sopportata bi premessi relattivi fir-Rikors promotur u ma tressqux provi li juru li hemm kawza gusta ghall-imposizzjoni ta' tali garanzija;

Rat il-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 3134/11 fl-ismijiet "Roderick Debono v. Maria Dolores sive Doris Ghio" mahrug fis-26 ta' Ottubru 2011;

Semghet ix-xhieda moghtija mir-Rikorrenti, mill-intimat u minn Lorraine Carabott waqt is-seduta tad-9 ta' Jannar 2012 u rat l-affidavits esebiti mill-intimat fil-proceduri fl-ismijiet "Roderick Debono v. Doris Ghio" Rikors Nru. 318/11VG pendenti quddiem il-Qorti kif presjeduta u d-dokumenti annessi, liema affidavits u dokumenti jikkostitwixxu l-provi ta' l-istess intimat f'dawn il-proceduri ghar-revoka tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 3134/11[1];

Semghet it-trattazzjoni da parte tad-difensuri tal-partijiet;

**Ikkunsidrat:**

Bil-proceduri odjerni r-Rikorrenti titlob ir-revoka tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 3134/11 fl-ismijiet "Roderick Debono v. Doris Ghio" ai termini ta' l-Artikolu 836(1)(d) u/jew (f) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta ghaliex l-ammont mitlub mis-sekwestrant – ossia €8,184.00 – ma huwiex *prima facie* gustifikat u huwa eccessiv u/jew fic-cirkostanzi ma huwiex ragonevoli li l-Mandat in kwistjoni jibqa' fis-sehh. F'kaz li t-talba taghha ghar-revoka tal-Mandat ma tigix milqugha, ir-Rikorrenti titlob li l-intimat jigi kkundannat ihallas garanzija ai termini ta' l-Artikolu 838A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta u fin-nuqqas li jaghmel dan il-Mandat jigi revokat. Apparte r-revoka tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju in kwistjoni r-Rikorrenti titlob ukoll li l-intimat jigi kkundannat ihallas penali ai termini ta' l-Artikolu 836(8) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta.

[1] Vide verbal tas-seduta tad-9 ta' Jannar 2012.

L-intimat jopponi ghat-talbiet tar-Rikorrenti u jitlob li l-istess jigu michuda, l-ewwel qabel kollox ghaliex ir-Rikors promotur hekk kif imressaq huwa irritu u null proceduralment ghaliex a tenur ta’ l-Artikolu 836(1) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta, dan kellu jigi pprezentat fl-atti tal-kawza pendenti bejniethom u mhux fl-atti tal-Mandat.

Kif gustament osservat mill-intimat, l-Artikolu 836(1) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta jipprovdi li *l-intimat li jkun inhareg att kawtelatorju kontrih jista’ jaghmel rikors lill-qorti li tkun harget l-att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawza, jista’ jaghmel rikors lill-qorti li tkun qedghda tittratta dik il-kawza li fih jitlob li l-att kawtelatorju jigi revokat, sew ghal kollox jew f’parti minnu,* ghal xi wadha mir-ragunijiet elenkati f’dak l-artikolu tal-Ligi. Madanakollu kuntrarjament ghal dak pretiz mill-intimat Roderick Debono, il-fatt li r-Rikorrenti pprezentat ir-Rikors taghha ghar-revoka tal-Mandat ta’ Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 3134/11 fl-atti ta’ dan il-Mandat u mhux fl-atti tal-kawza fl-ismijiet “Roderick Debono v. Doris Ghio” Rikors Nru. 318/11 pendenti quddiem din il-Qorti, ma jwassalx ghan-nullità u rritwalità procedurali tar-Rikors taghha u tal-proceduri minnha istitwiti.

Din il-Qorti kif presjeduta già kellha l-opportunità tindirizza sitwazzjoni simili ghal dik in ezami fil-proceduri fl-ismijiet **Riccardo Samham v. Philip Petroni, Rikors Nru. 160/11** degretati fit-18 ta’ Awissu 2011. F’dawk il-proceduri l-Qorti osservat illi *dan l-artikolu tal-Ligi* [ossia l-Artikolu 836(1) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta] *huwa ferm car u ma jhalli lok ghal ebda interpretazzjoni ulterjuri ta’ dak hemm dispost. Jekk it-talba ghar-revoka tal-mandat kawtelatorju issir wara li tkun giet intavolata l-azzjoni opportuna mill-kreditur fil-konfront tad-debitur, id-debitur ghandu jipprezenta t-talba tieghu – bir-Rikors opportun – fl-atti ta’ dik il-kawza. Il-logika wara din id-disposizzjoni tal-Ligi hija evidenti: la l-kawza hija intrinsikament marbuta mal-kawzali fuq liema jkun gie ottenut mandat kawtelatorju mill-kreditur kontra id-debitur, huwa bil-wisq gust u logiku li talba ghar-revoka ta’ dak il-mandat, u anke talba ghall-kundanna hlas ta’ penali fejn din issir, issir fl-*

*atti ta' dik il-kawza.* Il-Qorti zzid tosserva li fil-konsiderazzjonijiet taghha dwar talba ghar-revoka ta' mandat kawtelatorju, partikolarment meta din tkun ibbazata fuq l-Artikolu 836(1) (b) u/jew (d) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, necessarjament ikollha tezamina, anke jekk fuq bazi purament *prima facie,* certa aspetti li jistghu jirrizultaw mill-azzjoni fil-meritu, ad ezempju l-mod u l-parametri entro liema l-kreditur ikun iddeducja jew ahjar illikwida l-pretensjoni tieghu fil-konfront tad-debitur. B'hekk meta fiz-zmien tal-prezentata tal-proceduri ghar-revoka ta' mandat kawtelatorju tkun già giet istitwita l-azzjoni fil-meritu l-iktar mod prattiku u spedjenti kif jista' jsir tali ezami huwa appuntu mill-Qorti li quddiemha tkun pendenti tali azzjoni fil-meritu.

Fil-proceduri **Samham v. Petroni** zdied jinghad illi *ghalkemm huwa veru li l-Qorti tal-Magistrati (Malta) hija Qorti wahda indipendentement mill-identità tal-Magistrati individwali li jippresjeduha u ghalkemm il-formalizmu eccessiv ghandu kemm jista' jkun jigi evitat, ma ghandux però jithalla ghaddej kollox jew li jigi inkoraggit permissivizmu ingustifikat fir-retta amministrazzjoni tal-gustizzja, u ghaldaqstant jigi ribadit li r-Rikors odjern kellu jigi ipprezentat fl-att tal-kawza fl-ismijiet "Riccardo Samham v. Philip Petroni" bin-numru 152/11CSH. … <u>Ghalkemm ir-rikorrent kellu ai termini tal-Ligi jressaq it-talba tieghu ghar-revoka tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju bin-Numru 1421/11 fl-atti tal-kawza fl-ismijiet "Riccardo Samham v. Philip Petroni" Rik. Nru. 152/11CSH, il-fatt li dan ma ghamlux ma jfissirx li r-rikors odjern hu proceduralment monk u null kif donnu pretiz mill-intimat fir-Risposta tieghu. Fil-fehma tal-Qorti s-soluzzjoni gusta ghal din il-kwistjoni hija wahda u cioè, li filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talbiet tar-rikorrent, tibghat l-atti tar-Rikors odjern lir-Registratur tal-Qorti sabiex l-istess jintbaghtu quddiem il-Qorti li qed tittratta l-kawza fl-ismijiet "Riccardo Samham v. Philip Petroni" Rik. Nru. 152/11CSH</u>.*

Fil-kaz in ezami l-Qorti tirribadixxi dak minnha osservat u konkluz fil-proceduri **Samham v. Petroni** izda, ghalkemm tichad is-sottomissjoni ta' l-intimat li r-Rikors promotur kif

imressaq huwa irritu u null proceduralment, ma hijiex ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talbiet tar-Rikorrenti u tibghat l-inkartament lir-Registratur biex jintbaghat quddiem il-Qorti li qed tisma’ l-kawza peress illi l-kawza fil-meritu qed tinstema minn din il-Qorti kif presjeduta. Kwalunkwe decizjoni mod iehor tkun ghal kollox mhux prattika u ma ssolvi xejn, anzi possibilment inutilment izzid l-ispejjez ghall-partijiet kontendenti.

Sorvolata din il-kwistjoni jehtieg issa jigi determinat jekk ir-Rikorrenti hijiex gustifikata f’li titlob ir-revoka tal-Mandat ta’ Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 3134/11 ottenut kontra taghha mill-intimat ghaliex l-ammont kawtelat b’dak il-Mandat huwa *prima facie* ingustifikat u eccessiv u/jew ghaliex fic-cirkostanzi ma huwiex ragonevoli li l-imsemmi Mandat jibqa’ fis-sehh fil-konfront taghha.

Minn ezami akkurat tal-premessi tar-Rikors promotur, tax-xhieda tar-Rikorrenti u tas-sottomissjonijet avvanzati minnha waqt it-trattazzjoni orali, johrog car li hija qed tibbaza t-talba taghha ghar-revoka tal-Mandat ta’ Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 3134/11 fuq is-segwenti ragunijiet: (i) **il-pregudizzju li qed issofri minhabba l-hrug ta’ dan il-Mandat** - *gew sekwestrati ammont ta’ flus tas-sinjura Doris Ghio, liema flus kienu l-uniku flus imfaddla taghha li bihom kienet thallas ghall-ghejxien taghha izda in oltre ghall-ispejjez illi hi ghandha sabiex tiehu hsieb sahhitha, ghal medicini u specjalment ghat-taghmir mediku illi ghandha bzonn tixtri minn zmien ghal zmien minhabba l-problemi tan-nuqqas ta’ smigh taghha. Illi dan kollu fil-kuntest illi l-pensjoni tas-sekwestrata huwa limitat ghal erba’ mitt Ewro (€400) fix-xahar biss*; (ii) **il-fatt li l-ammont kawtelat mill-intimat huwa eccessiv meta wiehed iqis ix-xoghol minnu esegwit ghar-rikorrenti u l-fatt li parti minn dan ix-xoghol kien già kontemplat fi stima ghal xoghol antecedenti li tieghu già kien thallas** – *ta’ min jinnota illi l-qlugh u tpoggija tat-toilet ezistenti kif ukoll il-qlugh u tpoggija tas-sink ezistenti* [indikati mir-Rikorrenti bhala xoghlijiet addizzjonali u dana skond kif jirrizulta mill-kont mahrug mill-intimat fl-1 ta’ Gunju 2011] *kienu digà gew kwotati bhala parti mix-xoghlijiet li kellu jaghmel matul it-*

*tpoggija tal-madum tal-kamra tal-banju (Ara Dok. DG2) u fejn effettivament is-sekwestrant kien ikkwota ammont ta' hamsin Ewro ghal dawn iz-zewg affarijiet. Illi ghalhekk jidher illi s-sekwestrant kien digà thallas ghalihom izda ddecieda li jerga' jdahhalhom fil-kont il-gdid u li flimkien ma' ftit affarijiet ohra, l-kont b'xi mod straordinarju tela' ghal aktar minn 9,000 Ewro (Dok DG4)* ; (iii) **l-intimat qarraq biha, mara anzjana, xebba, tghix wahedha, socja tal-muzew u b'nuqqas ta' smigh**, - *dawn ix-xoghlijiet tlestew ghall-ahhar ta' Jannar 2011 u ghal darb' ohra is-sekwestrant kien imur ghand is-sekwestrata biex jaghmel ix-xoghlijiet b'mod irregolari hafna. Illi wara li tlestew dawn ix-xoghlijiet addizzjonali ghal darb' ohra s-sekwestrata talbet lis-sekwestrant ghall-kontijiet u rendikont ta' l-ispejjez li kien ghamel. Illi s-sekwestrata baqghet titlob lis-sekwestrant ghal dawn il-kontijiet tull tlett gimghat izda kien biss f'Gunju 2011 illi s-sekwestrant iddecieda illi imur ghand id-dar tas-sekwestrata sabiex jaghtiha l-kontijiet u dan wara li kienu gja daqqu t-tmienja ta' filghaxija. Illi dakinhar, izda, hu kien biss qralha lista ridikolment twila tax-xoghlijiet li kien ghamel u qalla sabiex tiffirmalu l-karti – haga li (naturalment) ma kienx talabha taghmel ghax-xoghlijiet originali fuq l-art tal-kamra tal-banju li kien ezegwixxa hu stess qabel u li kien imbaghad thallas ghalihom. Illi fl-ebda mument is-sekwestrant ma kien qalla x'inhu l-ammont totali veru qabel ma kien talabha tiffirma u tant hu hekk illi dak il-hin meta rat il-kont hasbet illi l-ammont miktub kien ta' ftit iktar minn disa' mitt Euro (€900) u ftit centezmi – simili ghall-kont li kien hargilha ghax-xoghlijiet ta' qabel.*

L-intimat jopponi ghall-affermazzjonijiet u konsegwenti pretensjonijiet tar-Rikorrenti ghaliex: (i) il-pregudizzju kawzat bil-hrug ta' mandat kawtelatorju ma huwiex fih innifsu raguni valida ghar-revoka tal-mandat; (ii) kuntrarjament ghal dak pretiz mir-Rikorrenti l-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju in kwistjoni ma huwiex eccessiv u abbusiv anzi, mill-provi minnu prodotti jirrizulta li hu ghal kollox gust; (iii) hu ma qarraqx bir-Rikorrenti u hi ffirmat il-kont biss wara li fehema b'mod akkurat il-kont tieghu; u ghaliex (iv) mill-assjem ta' dak sottomess mir-Rikorrenti johrog car li hi qed tipprova *taghmel il-kawza f'dawn il-*

*proceduri li hi haga li certament m'hix permissibbli mill-Ligi. Dan jirrizulta b'mod lampanti mir-rikors imressaq mill-istess Rikorretni Ghio.*

Ghalkemm il-Qorti tifhem u tapprezza l-fatt li l-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju in kwistjoni qed johloq diffikultajiet finanzjarji, u mhux biss, lir-Rikorrenti, partikolarment fid-dawl tal-fatt li tippercepixxi pensjoni ta' €400.00 fix-xahar, tali fatt ma huwiex raguni valida ghar-revoka tal-Mandat. In effetti huwa principju assodat fis-sistema guridika nostrali li *l-pretensjoni li l-mandat in kwistjoni hu ta' pregudizzju lir-rikorrenti mhux raguni valida ghala l-mandat ghandu jigi revokat*[2].

Il-bazi ta' dan il-principju guridiku tinsab imfissra b'mod akkurat fid-Digriet pronuncjat mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta' Lulju 2005, wara r-Rikors fl-ismijiet **Theresa Mangion Galea v. Desmond Stanley Stewart Rikors Nru. 336/05,** fejn inghad: *illi, naturalment, il-Mandat ta' Sekwestru taht ezami wegga' lir-rikorrent. Il-Qorti ma kenitx tistenna li jitressaq ir-rikors promotur kieku dan ma kienx il-kaz. Dan il-fatt, wahdu, m'huwiex raguni biex il-Mandat jitnehha. Il-bilanc li l-Qorti trid tilhaq bejn il-jeddijiet tal-pretendenti u tal-parti li kontra taghha ssir il-pretensjoni, jrid jigi meqjus fid-dawl li l-Mandat kawtelatorju huwa, min-natura tieghu, protezzjoni bikrija mahsuba mil-Ligi sakemm il-kwistjoni tigi mistharrga kif imiss fil-mertu. Ma jrid jintesa qatt li l-ghan tal-Mandat kawtelatorju huwa dak li "jiffirza" l-qaghda sakemm il-kwistjoni tigi mistharrga kif ghandu jkun fil-mertu. Illi wiehed ghandu jqis ukoll li, qabel dahlu fis-sehh il-bidliet fil-ligi procedurali fl-1995, ma kien moghti l-ebda rimedju bhal dak mitlub illum mir-rikorrent ghat-tnehhija ta' Mandat, sakemm kien ikun gie mistharreg il-mertu tal-kwestjoni. Illi, minkejja dan, il-Qorti ma tistax tinsa ghal kollox li, sewwasew minhabba l-effetti drastici tal-Mandat, isehhu konsegwenzi kultant serji li jhallu l-effetti taghhom fuq il-parti intimata. Kemm hu hekk, il-Qorti tifhem sewwa li r-rikorrent qieghed igarrab hsara kontinwa bil-Mandat fis-sehh ma kull jum li jghaddi. <u>Din il-hsara ma tistax</u>*

[2] Taormina Holdings Limited v. Biochemicals International Limited, Rikors Nru. 715/03, degretat mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Ottubru 2003.

*mandanakollu tkun ir-raguni biex il-Mandat jitnehha. Kieku l-ligi kellha titfisser b'dan il-mod, l-ebda Mandat effettiv ma jibqa' fis-sehh ladarba jigi muri li l-parti intimata f'dak il-Mandat tkun qedgha tbati*[3].

Fid-dawl ta' dan il-principju johrog car li l-pretensjoni tar-Rikorrenti li l-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 3134/11 ghandu jigi revokat ghaliex huwa ta' pregudizzju ghaliha ma tistax tigi milqugha.

Kif gustament osservat mill-intimat, fi proceduri ghar-revoka ta' mandat kawtelatorju a tenur ta' l-Artikolu 836 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, l-ezercizzju li ghandha taghmel il-Qorti huwa wiehed *prima facie*. Dan huwa hekk ghaliex tali proceduri huma, min-natura taghhom, proceduri preliminari li jistennew l-ezitu finali tal-kawza fil-mertu bejn il-partijiet kontendenti. Mill-gurisprudenza in materja johrog car il-principju li *dak li trid taghmel il-Qorti f'din il-procedura huwa biss sabiex tezamina prima facie jekk min hareg il-mandat kellux pretensjoni legali ghall-istess, u dan indipendentement jekk tali pretensjoni hijiex fondata jew le peress li dan l-ahhar ezami jifforma l-mertu tal-kawza, li din il-Qorti bil-procedura premessa, ovvjament ghandha thalli fil-gudizzju taghha jew ta' Qorti ohra ghall-ezitu tal-kawza*[4].

F'dan ir-rigward, fid-Digriet pronuncjat mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-3 ta' Awissu 2001 wara r-Rikors fl-**Atti tal-Mandat ta' Sekwestru Nru. 1246/01 fl-ismijiet L-Avukat Dottor Tonio Fenech et noe v. L-Avukat Dottor Patrick Spiteri et noe** inghad illi *ghandu jigi puntwalizzat li f'dawn il-proceduri l-kwestjonijiet sollevati, b'mod partikolari dawk il-kwestjonijiet li essenzjalment jappartjenu ghal meritu tal-kontroversja bejn il-partijiet, m'ghandhomx jigu trattati u esaminati fil-fond. Hawnhekk qedghdin fil-kamp tal-"prima facie" u l-Qorti zgur li m'ghandhiex tidhol u tesamina "funditus" il-meritu tal-kwestjoni. Hawnhekk si tratta ta' att kawtelatorju li jinhareg semplicement ghaliex l-intimat*

[3] Sottolinear ta' din il-Qorti.
[4] Emanuel Sammut et v. Josephine Sammut, Rik. Nru. 716/02, degretat mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta' Gunju 2003, Joseph Camilleri et v. Anthony Govè et, Rik. Nru. 286/01, degretat fl-10 ta' Mejju 2001.

*ikkonferma bil-gurament li huwa jippretendi li ghandu xi drittijiet fil-konfront ta' diversi persuni inkluzi r-rikorrenti. Hu ovvju li l-intimat, ladarba ottjena l-hrug tal-att kawtelatorju in kwestjoni, ghandu jassumi r-responsabilitajiet kollha u l-konsekwenzi kollha skond il-ligi anke fil-konfront tar-rikorrenti odjerni. F'dawn il-proceduri huma r-rikorrenti li ghandhom jipprovaw "prima facie" li l-att kawtelatorju in kwestjoni m'ghandux jinzamm fis-sehh u dana a bazi ta' dawk ir-ragunijiet li huma specifikati fil-ligi u li gew indikati mir-rikorrenti*[5].

Fid-dawl ta' dan il-principju l-Qorti hi prekluza milli tidhol fil-fond fil-kwistjoni bejn l-intimat u r-Rikorrenti u ma tistax f'dawn il-proceduri tiddeciedi jekk il-pretensjoni ta' l-intimat fil-konfront tar-Rikorrenti kif minnu dedotta kontriha hijiex gustifikata o meno. L-unika haga li tista' u ghandha taghmel il-Qorti hi li tara jekk l-intimat fl-ewwel lok ghandux pretensjoni legali fil-konfront tar-Rikorrenti ghall-hrug tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju in kwistjoni kontra taghha u f'kaz li ghandu tali pretensjoni legali fil-konfront taghha, jekk jissussistux ir-ragunijiet – il-wahda jew l-ohra jew it-tnejn [Artikolu 836(1)(d) u/jew (f) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta] – minnha sollevati ghar-revoka tal-Mandat.

Mill-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 3134/11 – li ghalkemm mhux esebiti fl-atti ta' dawn il-proceduri gew vizjonati mill-Qorti, kif del resto ghandha kull dritt u dmir li taghmel – jirrizulta li l-intimat talab u ottjena l-hrug ta' l-imsemmi Mandat kontra r-Rikorrenti in bazi ghall-kawzali li s-somma minnu kawtelata – ossia €8,184.00 – tirrapprezenta bilanc dovut lilu mir-Rikorrenti ghal xoghol minnu esegwit fil-proprjetà taghha u fuq inkarigu taghha stess. Jirrizulta wkoll li fiz-zmien tat-talba ghall-hrug tal-Mandat huwa kien già ressaq il-pretensjoni tieghu kontra r-Rikorrenti bil-proceduri fl-ismijiet "Roderick Debono v. Doris Ghio" Rikors Nru. 318/11, pendenti quddiem din il-Qorti kif presjeduta, fejn qed jitlob il-hlas tas-somma ta' €8,184.00 *rapprezentanti bilanc ghall-prezz ta' xoghol komplut mir-rikorrenti fil-fond Blokk G, Flat 1,*

[5] Sottolinear ta' din il-Qorti.

*Unit 1, Government Buildings, Paola, fuq struzzjonijiet ta' l-intimata.* Mill-provi prodotti jirrizulta li ma huwiex kontestat li l-intimat esegwixxa xoghlijiet ghar-Rikorrenti fil-fond taghha fuq inkarigu taghha stess.

Minn dawn il-fatturi ***prima facie*** jirrizulta li l-intimat ghandu pretensjoni legali fil-konfront tar-Rikorrenti li tiggustifika l-hrug ta' mandat kawtelatorju fil-konfront taghha pendenti l-ezitu tal-proceduri fil-meritu. Jekk tali pretensjoni ta' l-intimat hijiex fondata o meno, jekk l-ammont pretiz mill-intimat huwiex verament dovut jew le u jekk l-intimat qarraqx bir-Rikorrenti, huma kollha kwistjonijiet li ghandhom jigu ikkunsidrati fil-kawza fil-mertu – fejn fil-fatt dawn l-istess kwistjonijiet gew sollevati per via d'eccezione mir-Rikorrenti – u mhux f'dawn il-proceduri li huma intizi ghar-revoka tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 3134/11.

Stabbilit illi l-intimat ghandu pretensjoni legali fil-konfront tar-Rikorrenti jrid issa jigi determinat jekk l-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju minnu mahrug kontra taghha huwiex ghal ammont mhux *prima facie* gustifikat jew eccessiv ai termini ta' l-Artikolu 836(1)(d) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, kif minnha pretiz.

Kif osservat mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fid-Digriet wara r-Rikors fl-ismijiet **Mangion v. Stewart** iktar 'il fuq citat, *il-kejl li ghandu jittiehed biex jitqies it-thassir ta' Mandat Kawtelatorju taht dan ir-ras* – Artikolu 836(1)(d) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta – *huwa wiehed li jorbot il-kawzali ta' l-istess Mandat mal-kreditu imsemmi fih. Dan ifisser li <u>l-Qorti ghandha tistharreg fl-ewwel lok jekk jirrizultax mad-daqqa t'ghajn li r-rikorrent ezekutant ghandu bazi ta' pretensjoni (dak li f'oqsma ohra ta' dritt jissejjah il-'fumus juris' tal-pretensjoni dedotta) u fit-tieni lok jekk wasalx biex 'jillikwida' tali pretensjoni f'somma li taqbel ma' l-ammont minnu mahluf fil-Mandat</u>[6]. Wiehed m'ghandu qatt jinsa li f'dan il-kuntest, il-Qorti trid tkun gwidata mill-principju li d-dritt ghall-azzjoni gudizzjarja m'ghandux jigi mfixkel jew imwarrab b'leggerezza, u l-iehor daqstant siewi li huwa*

[6] Sottolinear ta' din il-Qorti.

*dritt li persuna thares l-interessi taghha fil-milja taghhom sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jigi definit minn Qorti. ... biex ammont imsemmi f'att kawtelatorju jitqies li huwa eccessiv, jehtieg li jintwera li dan ikun ezagerat fid-dawl tat-talba li ssir jew ikun tant grossolan li ma jistax ma jidhirx mad-daqqa t'ghajn bhala wiehed maghmul b'mod azzardat*[7].

Fil-kaz in ezami già jinsab stabbilit li *prima facie* l-intimat ghandu pretensjoni legali fil-konfront tar-Rikorrenti u li fl-azzjoni fil-meritu illikwida tali pretensjoni tieghu f'somma li taqbel mas-somma kawtelata bil-hrug tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju in kwistjoni. B'hekk jidher li fid-dawl tat-talba avvanzata mill-intimat kontra r-Rikorrenti l-ammont kawtelat bil-Mandat *prima facie* ma huwiex ezagerat. Madanakollu però il-Qorti hi tal-fehma li ma tistax tieqaf hawn fil-konsiderazzjonijiet Taghha ghaliex kif johrog car mill-imsemmi Digriet **Mangion v. Stewart**, ghall-fini li jigi determinat jekk l-ammont kawtelat b'mandat kawtelatorju huwiex eccessiv o meno hemm konsiderazzjoni ulterjuri li l-Qorti jehtigilha taghmel, u cioè jekk tali ammont huwiex *tant grossolan li ma jistax ma jidhirx mad-daqqa t'ghajn bhala wiehed maghmul b'mod azzardat.* Din il-konsiderazzjoni hi ferm importanti ghaliex jekk l-eccessività o meno tas-somma kawtelata b'mandat kawtelatorju kellha tkun ibbazata biss fuq il-mod kif tkun giet impostata t-talba fil-meritu, il-kreditur facilment jista' jiggustifika l-hrug tal-mandat u jpoggi lid-debitur fl-impossibilità li gustament jottjeni r-revoka in toto jew in parte ta' dak il-mandat, billi fil-proceduri fil-meritu jitlob il-hlas ta' somma identika ghal dik minnu kawtelata bil-Mandat.

Ghall-fini ta' tali konsiderazzjoni l-Qorti mhux ser tidhol f'paragun bejn l-istima ipprezentata mir-Rikorrenti – Dok. "RDG2" – u l-kont mahrug mill-intimat peress illi tali paragun jinvolvi ezami approfondit u possibilment in-nomina ta' Espert Tekniku, liema ezami huwa, kif già iktar 'il fuq osservat, riservat ghall-proceduri fil-meritu. Se tillimita l-konsiderazzjonijiet Taghha ghall-kont mahrug

[7] Sottolinear ta' din il-Qorti.

mill-intimat fuq liema jibbaza l-pretensjoni tieghu fil-konfront tar-Rikorrenti u ghall-iskeda ta' sieghat ta' xoghol esebita mill-intimat ma' l-affidavit tieghu.

Minn qari ta' dawn id-dokumenti immedjatament jispikkaw is-segwenti tlett fatturi: (i) in-nuqqas ta' proporzjon bejn l-valur ta' l-ispejjez inkorsi biex saru x-xoghlijiet u il-valur ghall-istess xoghlijiet (*labour*); (ii) uhud mix-xoghlijiet indikati mill-intimat bhala xoghlijiet addizzjonali huma accessorji ghax-xoghol originali minnu esegwit ghar-Rikorrenti u li thallas ghalih; u (iii) in-nuqqas ta' proporzjon bejn is-sieghat ta' xoghol indikati mill-intimat ghall-esekuzzjoni tax-xoghlijiet u n-natura ta' l-istess xoghlijiet. Mad-daqqa t' ghajn ghalhekk il-Qorti jidhrilha li l-ammont kawtelat mill-intimat bil-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju in kwistjoni hu – ghall-inqas in parte – eccessiv.

Il-Qorti tqis li l-ammont kawtelat huwa biss in parte eccessiv ghaliex ma jistax jigi negat li l-intimat ghandu dritt jithallas ghal xoghol minnu esegwit izda, filwaqt li d-dritt tieghu li jipprotegi u jissalvgwardja l-interessi tieghu ghandu jigi rispettat, daqstant iehor ghandu jigi rispettat id-dritt tar-Rikorrenti li ma tigix rinfaccjata b'Mandat kawtelatorju eccessiv.

Fil-fehma tal-Qorti biex jinzamm bilanc bejn id-dritt ta' l-intimat li jhares l-interessi tieghu u jkun salvagwardat sa' l-ezitu finali tal-proceduri fil-mertu u d-dritt tar-Rikorrenti li ma tigix rinfaccjata b'mandat kawtelatorju li huwa eccessiv, il-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 3134/11 ghandu jigi revokat ghal dak l-ammont <u>in eccess minn €4,000</u>, fis-sens li l-istess Mandat ghandu <u>jibqa' fis-sehh sal-valur ta' €4,000</u>.

Apparte l-eccessività ta' l-ammont kawtelat bil-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju in kwistjoni, ir-Rikorrenti tibbaza t-talba taghha ghar-revoka tal-Mandat fuq dak provdut fl-Artikolu 836(1)(f) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta u cioè li *fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli*. Fil-fehma tal-Qorti r-ragunijiet già moghti ghar-revoka in parte tal-

Mandat in kwistjoni jirrendu kull konsiderazzjoni ta’ din il-pretensjoni tar-Rikorrenti ghal kollox superfluwa u b’hekk mhux ser tidhol fiha.

Ir-Rikorrenti titlob ukoll li l-intimat jigi kkundannat ihallasha penali ai termini ta’ l-Artikolu 836(8) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta. Fil-fehma tal-Qorti din it-talba ma tisthoqqx li tigi milqugha ghaliex ghalkemm il-Mandat ta’ Sekwestru Kawtelatorju in kwistjoni ghandu jigi in parte revokat, fil-kaz in ezami ma jissussistux l-estremi – esplicitament dettati mill-Ligi stess – ghall-imposizzjoni ta’ tali penali fil-konfront ta’ l-intimat.

Ir-Rikorrenti titlob li f’kaz li t-talba taghha ghar-revoka tal-Mandat ta’ Sekwestru Kawtelatorju in kwistjoni ma tigix milqugha, l-intimat jigi kkundannat jaghti garanzija ai termini ta’ l-Artikolu 838A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta u f’kaz li jonqos milli jaghmel hekk, jaqa’ l-Mandat. Ladarba l-Mandat in kwistjoni ghandu jibqa’ fis-sehh sal-valur ta’ €4,000, huwa opportun li din it-talba ulterjuri tar-Rikorrenti tigi kkunsidrata wkoll.

L-Artikolu 838A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta jipprovdi li *l-Qorti tista’, meta tintwera kawza gusta ghal dan, malli ssirilha talba b’rikors mill-persuna li kontriha jkun inhareg att kawtelatorju, tordna lil dik il-parti li tkun talbet il-hrug ta’ l-att kawtelatorju sabiex taghti, fi zmien stabbilit mill-qorti, garanzija xierqa ghall-hlas tal-penali li tista’ tigi imposta u ta’ danni u imghax, u, fin-nuqqas, li tnehhi l-att kawtelatorju*.

Fir-rigward tar-rekwiziti mehtiega ghall-applikazzjoni ta’ dan l-artikolu tal-Ligi jinsab stabbilit li *biex persuna li talab il-hrug ta’ Mandat kawtelatorju jinsab responsabbli ghall-hlas tal-penali, trid tirrizulta xi wahda jew aktar mill-ipotesijiet kontemplati fl-Artikolu 836(8) ta’ l-istess Kap.12, filwaqt li biex jinsab responsabbli ghad-danni, ghalkemm ic-cirkustanzi mhux limitati ghal dak provdut fl-artikolu 836(8)* [tal-Kap.12] *cirkustanzi ohra jridu johorgu mill-applikazzjoni ta’ l-artikoli 1031 u 1032 tal-Kap.16, b’mod li jkun responsabbli biss jekk jagixxi b’imprudenza, b’negligenza jew mhux bil-hsieb ta’ bonus paterfamilias.*

*Dan ifisser, kif jghid il-Baudray-Lacantinerie (Trattato Prattico di Diritto Civile – Delle Obligazioni Vol. VI pag. 560) li 'chi agisce in mala fede od in seguito ad un grossolano errore, può essere condannato a pagare un indemnità al suo avversario'. Illi dan ifisser illi dak li l-Qorti trid tara f'dan l-istadju tal-kawza huwa jekk l-intimat kellux prima facie bazi guridika li fuqha seta' jagixxi sabiex johrog mandat kawtelatorju, u dan fid-dawl tal-principju li d-dritt per se ghall-azzjoni gudizzjarja ma ghandu bl-ebda mod jigi pregudikat, u wisq anqas id-dritt ta' persuna li tipprotegi l-interess taghha sakemm id-dritt sostantiv jigi finalment determinat mill-istess Qorti. Illi minn dan isegwi li anke jekk jigi determinat fil-posittiv li r-rikorrenti kellu dritt jagixxi sabiex jissalvagwardja l-pretensjonijiet tieghu, kif intqal fid-decizjoni "Visa Investments Limited v. Blye Engineering Co. Ltd." deciza minn din il-Qorti, kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Raymond Pace, fis-17 ta' Frar 2001 'Illi ovvjament dan ma jfissirx li tali azzjoni tas-socjetà intimata ser tirnexxi, ghaliex id-determinazzjoni ta' l-istess talbiet tispetta biss lil dik il-Qorti li qed tisma' l-mertu tal-kawza fl-ambitu tal-kawza proprja dwar il-mertu.'*[8]

Applikat dan il-principju ghall-konsiderazzjonijiet già iktar 'il fuq maghmula, u partikolarment il-konsiderazzjoni li *prima facie* jidher li l-intimat ghandu bazi guridika li fuqha seta' jagixxi sabiex johrog mandat kawtelatorju kontra r-Rikorrenti u l-konsiderazzjoni li ma hemmx lok li tigi imposta penali fuq l-intimat ai termini ta' l-Artikolu 836(8) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti ma tarax li tezisti kawza gusta li tiggustifika l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 838A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tichad it-tieni u t-tielet talba tar-Rikorrenti, tilqa l-ewwel talba taghha u tordna r-revoka tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 3134/11 fl-ismijiet "Roderick Debono v. Maria Dolores sive Doris Ghio"

---

[8] John Zarb v. Port Cottonera Limited, Citaz. Nru. 883/02 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-18 ta' Settembru 2002; Cole Foods Limited v. Euro Imports Limited, Rik. Nru. 463/02 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-13 ta' Marzu 2003.

limitatament ghal dak l-ammont in eccess mis-somma ta' €4,000, b'dana li l-istess Mandat ghandu jibqa' fis-sehh sas-somma ta' €4,000, u tordna l-hrug tal-Kontro-Mandat opportun ghal dak l-ammont in eccess mis-somma ta' €4,000.

L-ispejjez ghandhom jibqghu a karigu ta' l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------